# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 13 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 182/02**

**Numru 24**

**Stephen Grima u Generoso Grima**

**vs**

**Jason Mifsud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuti ghall-bejgh lill-konvenut ta' vettura tal-marka Toyota Supra bin-numru ta' registrazzjoni numru JOE 300 u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datat 7 ta' April 1999.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' April 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm2,000.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur